**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 22 ta' Marzu, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Marie Simbiano**

**Kumpilazzjoni Numru: 95/2020**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Marie Simbiano, bint Martin u Bintou nee' Sandonou, imwielda Guinea nhar il-21 ta' Novembru, 1999 u detentrici tan-numru tal-Pulizija 19GG 013.

Akkuzata talli nhar it-23 ta' Dicembru, 2019 ghall-habta ta' 10:30hrs gewwa Marsa Initial Reception Center, Marsa minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Osanite Roshia u dan skond kif iccertifika minn Dr Nicola Darmanin Med. Reg 6087.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Marie Simbiano a beneficju ta' Osanite Roshia u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Osanite Roshia jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Marie Simbiano b'obbligazzjoni taghha innifisha taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini ta' liema il-Qorti ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk huma sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni, u l-fedina penali netta taghha. Hadet in konsiderazzjoni ukoll ic-cirkostanzi li wasslu biex l-imputata aggrediet lil Osanite Roshia.

Illi dwar it-talba tal-prosekuzzjoni biex jigi impost ordni fil-konfront ta'l-imputata ghall-protezzjoni ta' Osanite Roshia, il-Qorti tirrileva li ghalkemm jidher li l-imsemmija Osanite Roshia telqet minn Malta, il-garanzija rikjesta mill-prosekuzzjoni tkun idoneja stante li mhux eskluz li Roshia tirritorna lura Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha sena prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta' sentejn. In oltre, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Osanite Roshia u sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku qed torbot lill-imputata b'obbligazzjoni taghha innifisha taht penali ta' elf Euro ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**